**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/203/21/S

Nigel Cauchi
vs
Portelli & Brincat Ltd

Illum 16 ta'Frar,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Nigel Cauchiipprezentata fit-23 ta'Novembru,2021 filwaqt li s-socjeta Portelli & Brincat Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 8 '*motorized blinds*' li qatt ma hadmu flimkien;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Nigel Cauchi u lanqas deher xi rapprezentant taghha ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Nigel Cauchi li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega dak minnu mitlub pero min-naha l-ohra, s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €3500 li kien il-prezz imhallas mir-rikorrent ghal 'motorized blinds', hu gustifikat u ghandu jithallas lura lir-rikorrenti filwaqt li t-8 '*motorized blinds*' ghandhom jigu ritornati lis-socjeta intimata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Nigel Cauchi u Jordna lis-socjeta intimata Portelli & Brincat Ltd thallas lil Nigel Cauchi s-somma ta' €3500 u jigu ritornati l-imsemmija 8 '*motorized blinds*'. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta Portelli & Brincat Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru